MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2010

Numru 500/2006

Il-Pulizija
(Supretendent Carmelo Bartolo)

vs

Steve Buttigieg

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita'numru 105880(M) li hu akkuzat talli nhar il-5 ta' April 2006 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. f'San Gwann, nhar l-14 ta' Dicembru 2005 ghal habta tat-3:50 ta' fil-ghodu ikkommetta serq ta' diversi oggetti u cioe' hwejjeg, liema serq li huwa kkwalifikat bil-

hin, mezz, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf Lira Maltija, sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-hanut bl-isem “Gilda”.
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara, li saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-hanut bl-isem “Gilda” kienet izjed minn hames mitt Lira Maltija;
3. f’Santa Venera, matul il-perjodu ta’ bejn id-8:40 ta’ fil-ghodu tat-13 ta’ Dicembru 2005 u s-5:50 ta’ fil-ghodu tal-14 ta’ Dicembru 2005, ikkommetta serq ta’ vettura bin-numru ta’ registrazzjoni LAE-543, liema serq li huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, natura tal-haga misruqa, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf Lira Maltija sar ghad-detriment ta’ Pierre Vella minn Santa Venera;
4. f’Tas-Sliema, nhar is-26 ta’ Jannar 2006, ghal habta tat-3:00 ta’ fil-ghodu, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti u cioe’ flus u apparat elettroniku iehor, liema serq, li huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf Lira Maltija, sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-hanut bl-isem “Crown Paints”.
5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara, li saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-hanut bl-isem “Crown Paints” kienet izjed minn hames mitt Lira Maltija;
6. f’Tas-Sliema, nhar is-26 ta’ Jannar 2006 ghal habta tat-3:00 ta’ fil-ghodu kkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ plasma screen, liema serq, li huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf Lira Maltija, sar ghad-detriment tad-dirigenti ta’ “Eurochange Bureau”;
7. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara, li saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-“Eurochange Bureau” kienet izjed minn hames mitt Lira Maltija;
8. f’Tas-Sliema, matul il-perjodu ta’ bejn it-8:00 ta’ fil-ghaxija tal-25 ta’ Jannar 2006 u t-8:15 ta’ fil-ghodu tas-26 ta’ Jannar 2006, ikkommetta serq ta’ vettura bin-numru ta’ registrazzjoni SYR-097, liema serq li huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, natura tal-haga misruqa, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf Lira Maltija sar ghad-detriment ta’ Mazen Dadouch minn Tas-Sliema;

9. f’Hal-Qormi, nhar it-13 ta’ Frar 2006, ghal habta tat-3:15 ta’ fil-ghodu kkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ diversi oggetti elettronici, liema serq, li huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf Lira Maltija, sar ghad-detriment tad-dirigenti ta’ “Crosscraft Co. Ltd”;
10. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara, li saret ghad-detriment tad-dirigenti ta’ “Crosscraft Co. Ltd.” kienet izjed minn hames mitt Lira Maltija;
11. fil-Mosta, f’xi hin matul il-perjodu ta’ bejn 11:55 ta’ fil-ghaxija tat-12 ta’ Frar 2006 u t-3:00 ta’ fil-ghodu tat-13 ta’ Frar 2006, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ ammont konsiderevoli ta’ apparat elettroniku, liema serq, li huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf Lira Maltija, sar ghad-detriment tad-dirigenti ta’ “Telestar Ltd”;
12. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara, li saret ghad-detriment tad-dirigenti ta’ “Telestar Ltd.” kienet izjed minn hames mitt Lira Maltija;
13. f’Hal-Qormi f’xi hin matul il-perjodu ta’ bejn is-7:00 ta’ fil-ghaxija tat-12 ta’ Frar 2006 u fit-3:00 ta’ fil-ghodu tat-13 ta’ Frar 2006, ikkommetta serq ta’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE-296, liema serq li huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, natura tal-haga misruqa, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf Lira Maltija sar ghad-detriment ta’ Carmel Borg minn Hal-Qormi;
14. f’Haz-Zebbug, f’xi hin matul il-perjodu ta’ bejn is-7:00 ta’ fil-ghaxija ta’ l-4 ta’ April 2006 u l-5:00 ta’ fil-ghodu tal-5 ta’ April 2006, ikkommetta serq ta’ oggetti u apparat elettroniku, liema serq, li huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf Lira Maltija sar ghad-detriment tad-dirigenti ta’ “Bonarco Co. Ltd”;
15. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara, li saret ghad-detriment tad-dirigenti ta’ “Bonarco Co. Ltd.” kienet izjed minn hames mitt Lira Maltija;
16. f’xi jum fil-perjodu ta’ bejn it-18 ta’ Jannar 2006 u t-13 ta’ Frar 2006, ikkommetta serq ta’ vettura bin-numru

tar-registrazzjoni GAQ-242, liema serq li huwa kkwalifikat bil-hin, mezz, natura tal-haga misruqa, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf Lira Maltija, sar ghad-detriment tad-dirigenti ta' "Easysell Kia (Malta) Ltd."

17. f'dawn il-Gzejjer f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn il-5 ta' April 2006 u l-jiem ta' qabel din id-data, ikkommetta serq ta' vettura, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa sar ghad-detriment ta' persuna ta' identita' mhux maghrufa;

18. nhar l-20 ta' Mejju 2006 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti misruqa gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-elf Lira Maltija;

19. f'dawn il-Gzejjer, nhar it-13 ta' Frar 2006 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi wahhal fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE-296, set numri tar-registrazzjoni bin-numru MDP-145;

20. f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn dokumenti falsifikati billi wahhal fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE-296, set numru tar-registrazzjoni li jappartjenu lil vettura MDP-145;

21. f'dawn il-Gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, saq il-vettura bin-numru IAE-296 minghajr licenzja mahruga mid-direttur tat-Trasport Pubbliku u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' sigurta' dwar riskji ta' terzi persuni.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' skond il-Ligi, tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' Steve Buttigieg ghal dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat in-nota mibghuta mill-Ufficcjal Prosekutur.

Ikkonsidrat:

Li stante l-mewt tal-imputat fil-mori ta' dawn il-proceduri tiddikjara procediment esawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------